25 ta' Novembru, 1954.

Imħallef :—
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Francis Cardona *versus* William Agius

**Monopolju — "Hand-bags" — "Shopping-Bag" — Art. 2 ta' l-Att nru. X ta' l-1925.**

*L-esklużività jew monopolju, għoll-finijiet tal-Liġi dwar l-Inkoraġġiment ta' Industriji Ġodda, tidderoga għall-kbir prinċipju tal-libera konkorrenza; u għalhekk is-sinifikat tal-kelma li tindika l-oġġett li dwaru jkun ingħata l-monopolju ma għandux jiġi estiż oltre dak li dik il-kelma tfisser ordinarjament fil-kummerċ.*

*Fil-każ preżenti, fejn l-attur kellu monopolju biex jimmanifattura "hand-bags", ġie deċiż illi l-konvenut ma kienx kiser dak il-monopolju bil-fatt li huwa kien immanifattura "shopping-bags".*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa għandu l-monopolju biex jimmanifattura boroż tan-nisa bi kwalunkwe materjal, ad eċċezzjoni ta' drapp ta' Malta u karta, kif jidher minn Notifikazzjoni tal-Gvern numru 379 tal-1950, publikata fil-Gazzetta tal-Gvern numru 9937, paġina 648 u 649; u illi l-konvenut, b'qerq qiegħed jimmanifattura "shopping bags" li huma kompriżi f'dak il-monopolju, u b'hekk l-istess konvenut ġie kiser il-konċessjoni ta' dak l-istess monopolju; talab, prevja, jekk neċessarju, id-dikjarazzjoni li l-konvenut qiegħed, b'qerq, jimmanifattura "shopping bags" li l-manifattura tagħhom hija projbita in virtù tal-monopolju fuq riferit, illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu dik is-somma li tiġi stabbilita bħala penali għat-tenur ta' l-art. 10 tal-Kap. 89 — "Inkoraġġiment ta' l-Industriji Ġodda", u li jiġi ordnat li l-makni jew mezzi oħra industrijali wżati fil-ksur tal-konċessjoni jiġu konfiskati jew mogħtija bi proprjetà lilu (lill-attur) skond l-art. 11 tal-liġi fuq ċitata. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi, kif jirriżulta mid-dokument fil-fol. 4 tergo u fil-fol. 5 tal-proċess, fil-11 ta' Lulju 1950 ġie mogħti lill-attur "the

temporary exclusive right to establish, operate and maintain in Malta and its Dependencies, an industry for the manufacture of hand-bags made of any material other than Malta cloth and/or paper", għall-perijodu ta' sebgħa snin mid-data fuq imsemmija;

Illi mill-perizja adoperata jirriżulta li l-boroż manifatturati mill-konvenut huma "shopping bags";

Illi x-"shopping-bag" hija ħaġa diversa u distinta mill-"hand-bags"; u dina d-distinzjoni bejn il-waħda u l-oħra hija universalment magħrufa u aċċettata fil-kummerċ. U difatti, bħala regola, il-"hand-bag" hija dik il-borża, aċċessorja għall-ilbies tan-nisa, li dawn iġibu magħhom biex fiha jpoġġu ar-ikoli għall-użu personali tagħhom; fil-waqt li x-"shopping-bag" hija dik il-borża li tiġi magħmula, mixtrija u wżata, biex fiha jitpoġġew l-affarijiet tax-xiri. Il-"hand-bag" hija artikolu ta' lussu essenzjalment użata minn nisa, u minn dawn biss; fil-waqt li x-"shopping-bag" hija ħaġa utili li tista' tiġi wżata anki mill-irġiel;

Illi, għaldaqshekk, bil-manifattura ta' "shopping-bags" il-konvenut ma kiserx il-konċessjoni fuq riferita, magħmula favur l-attur bis-saħħa ta' l-art. 2 ta' l-Att (numru X ta' l-1925) dwar l-Inkoraġġiment ta' l-Industriji Ġodda; l-għaliex, ġa ladarba l-esklużività ġiet lill-attur konċessa għall-"hand-bags", ma jidħlux ħwejjeġ oħra li mhumiex proprjament "hand-bags", billi s-sinifikat tal-kelma "hand-bags" ma jistax jiġi estiż oltre dak li ordinarjament ifisser fil-kummerċ — li hawa dak ġa fuq imfisser; kunsidrat, speċjalment, il-fatt illi l-esklużività hija mogħtija b'liġi li tidderoga għall-kbir prinċipju tal-libera konkorrenza li, qabel ma ġiet promulgata l-Ordinanza V ta' l-1916, kien għamel fostna, fuq l-eżempju ta' l-Ingilterra, għeruq sodi;

*Omissis;*

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi t-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.